Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0051(NLE)

3.2.2025

EMENDA
1

Abbozz ta' rakkomandazzjoni
Nikola Minchev
(PE767.911v01-00)

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri

Abbozz ta' deċiżjoni
(08897/2024 – C10-0125/2024 – 2024/0051(NLE))

Emenda 1
Özlem Demirel

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;	1. ***Jirrifjuta li*** jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz il-ġdid tal-ftehim PNR bejn l-UE u l-Kanada kif innegozjat mill-Kummissjoni jonqos milli jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li diġà invalidat il-ftehim PNR tal-UE mal-Kanada fl-2019. B'mod partikolari, l-abbozz il-ġdid tal-ftehim ma jilħaqx l-aspettattivi f'diversi oqsma ewlenin meta vvalutat skont l-istandards stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. Il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-ftehim fir-rigward tal-ġbir tad-data, il-perjodi twal ta' żamma (li f'xi każijiet għadhom ħames snin), it-trasparenza limitata, u s-salvagwardji insuffiċjenti għat-trasferimenti internazzjonali tad-data jqajmu tħassib sinifikanti mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data. Biex ikun hemm allinjament sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, il-ftehim jeħtieġ li jinkorpora limitazzjonijiet aktar stretti fir-rigward tal-ġbir u ż-żamma tad-data, itejjeb it-trasparenza u d-drittijiet individwali, u jiżgura mekkaniżmi robusti ta' sorveljanza u obbligu ta' rendikont. Barra minn hekk, minkejja dawn ir-riskji u t-tħassib, il-Kummissjoni ma kinitx talbet opinjoni tal-EDPS u żvelat l-abbozz lill-Parlament biss meta n-negozjati ġew iffinalizzati u dan juri nuqqas ċar ta' trasparenza.